# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 27 ta' Jannar 2022**

**Kawza Numru: 1**

**Rikors Numru:- 407/2021 JVC**

**Michael Sammut (K.I. Nru. 483762M) u Emanuela Sammut (K.I. Nru. 53165M)**

**vs**

**L-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors fejn ir-rikorrenti Michael Sammut et talbu kif isegwi:

1. 'Illi fit-13 ta' Lulju tas-sena 2000, giet intavolata kawza fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili kontra r-rikorrenti, fl-ismijiet Mercieca Sharon kontra Sammut Michael et, per l-Onor. Imhallef Gino Camilleri LL.D., citazzjoni numru 1454/2000;

2. Illi l-ewwel dehra kienet fl-24 t' Ottubru tas-sena 2000;

3. Illi mill-24 t' Ottubru tas-sena 2000, il-kawza giet differita ghat-8 ta' Jannar tas-sena 2001, sabiex l-attrici tibda bil-provi taghha;

4. Illi l-provi tal-attrici gew maghluqa fis-17 ta' Gunju tas-sena 2004, u cioe` tlett (3) snin hames (5) xhur u disa' (9) t'ijiem mill-ewwel differiment;

5. Illi l-konvenuti *qua* rikorrenti bdew bil-provi taghhom fl-14 t' Ottubru tas-sena 2004 u ghalqu l-provi taghhom fis-26 ta' Frar tas-sena 2005;

6. Illi l-konvenuti *qua* rikorrenti hadu ftit iktar minn sitt (6) xhud sabiex jipproducu l-provi taghhom;

7. Illi mis-seduta tas-26 t'April tas-sena 2005, il-kawza thalliet sabiex l-attrici taghmel il-kontro-ezamijiet tax-xhieda prodotti mill-konvenuti *qua* rikorrenti;

8. Illi s-seduta tat-22 ta' Mejju tas-sena 2006 giet differita fuq ordni tal-Qorti;

9. Illi s-seduta tat-2 ta' Novembru tas-sena 2006 giet differita fuq ordni tal-Qorti u dan sabiex il-kawza fl-ismijiet premessi

tibda tinstemgha mill-Onorevoli Imhallef Abigail Lofaro LL.D.;

10. Illi fuq talba tal-attrici, fil-5 ta' Frar tas-sena 2008, il-Qorti hatret lill-assistent gudizzjarju Dr Mandy Carabott LL.D. u dan sabiex terga' tisma' l-provi;

11. Illi fit-22 t' Awwissu tas-sena 2011, rega' kien hemm bidla fil-gudikant u minflok il-kawza komplit tinstema' mill-Onorevoli Imhallef Silvio Meli LL.D.;

12. Illi fis-seduta tal-15 ta' Mejju tas-sena 2013, il-partijiet ddikjaraw li m'ghandhomx aktar provi izjed x'jiproducu u l-Qorti differit il-kawza ghas-16 t'Ottubru tas-sena 2013 ghat-trattazzjoni finali;

13. Illi minhabba t-talba tal-attrici sabiex tigi appuntata assistent gudizzjarju, wara li kienu diga inghalqu l-provi, il-process tal-kawza twal bi ftit aktar minn tmien snin;

14. Illi fis-seduta tal-10 ta' Gunju tas-sena 2014, l-avukati difensuri tal-partijiet trattaw il-kawza u l-Onorabbli Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza ghas-26 ta' Novembru tas-sena 2014;

15. Illi fis-26 ta' Novembru tas-sena 2014, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili preseduta mill-Onorevoli Imhallef Silvio Meli LL.D. ippronunzjat is-sentenza b'ezitu kontra l-konvenuti *qua* rikorrenti. Fejn gew ikkundannati jhallsu s-somma ta' €6,151.00 bl-imghax legali dovuti mit-13 ta' Lulju tas-sena 2000 *ossia* data tal-prezentata tal-kawza odjerna;

16. Illi ghalkemm il-konvenuti ghalqu l-provi taghhom fis-26 ta' Frar tas-sena 2005, minhabba l-insistenza tal-attrici, il-kawza giet deciza fl-2014;

17. Illi l-konvenuti *qua* appellanti hassewhom aggravati b'din id-decizjoni u intavolaw appell mis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili, liema appella gie intavolat fil-15 ta' Dicembru tas-sena 2014;

18. Illi l-appell fl-ismijiet *Mercieca Sharon kontra Sammut Michael et*, per S.T.O. Prim Imhallef Joseph Azzopardi LL.D, Onorevoli Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D. u l-Onorevoli Imhallef Noel Cuschieri LL.D., citazzjoni numru 1454/2000, gie appuntat ghas-smigh nhar l-4 ta' Novembru tas-sena 2019;

19. Illi l-appell gie appuntat ghas-smigh 4 snin 11-il xahar u 19-il gurnata wara li l-appellanti *qua* rikorrenti intavolaw ir-rikors tal-appell;

20. Illi fis-seduta tat-3 ta' Frar tas-sena 2020, il-partijiet *tramite* l-avukati taghhom trattaw l-appell, u l-Qorti tal-Appell Superjuri halliet l-appell ghas-sentenza ghas-27 ta' Marzu tas-sena 2020;

21. Illi fis-27 ta' Marzu tas-sena 2020, il-Qorti tal-Appell Superjuri laqghet parzjalment l-appell tal-appellanti *qua* rikorrenti fejn minflok is-somma ta' €6,151 ordnat lill-appellanti jhallsu s-somma ta' €4,658.75 bl-imghax legali mill-14 ta' Lulju tas-sena 2000;

22. Illi b'kollox din il-kawza hadet dsatax (19)-il sena, seba' (7) xhur u erbgha u erbghin (44) gurnata sabiex tghaddi in gudikant;

23. Illi dan it-trapass taz-zmien mhuwiex wiehed gustifikabbli;

24. Illi minhabba dan id-dewmien, ir-rikorrent soffrew danni, *stante* li gew imgieghla jhallsu interessi zejda u bla bzonn. Dan wara li r-rikorrenti gew mgieghla jhallsu 'l fuq minn sebat elef ewro (€7,000) f'interessi;

25. Illi r-rikorrenti hassewhom profondament aggravati b'dan id-dewmien u b'hekk hassew il-htiega li jipprocedu b'din il-kawza  sabiex jigu kkumpensati ghall-vjolazzjoni taghhom ghad-dritt tas-smigh xieraq fi zmien ragjonevoli, hekk kif protett mill-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kif traspost fil-Ligi Maltija permezz tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta;

26. Illi r-rikorrenti qieghdin ukoll jitolbu sabiex jigu kkumpensati ghall-hlas t'imghax legali li gew kostretti jhallsu minhabba dan id-dewmien.

Ghaldaqstant u in vista tas-suespost, ir-rikorrenti qieghdin jitolbu bil-qima lil dina l-Wisq Onorabbli Qorti sabiex joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li d-drittijiet tar-rikorrenti ghal smigh xieraq u fi zmien ragjonevoli, hekk kif protett mill-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, gew vjolati bid-dewmien tal-kawza civili fil-konfront taghhom li damet

dsatax (19)-il sena, seba' (7) xhur u erbgha u erbghin (44) gurnata sabiex tghaddi in gudikant;

2. Tillikwida ammont ta' danni pekunjarji u non-pekunjarji sofferti mir-rikorrenti kawza tal-lezjoni tad-dritt ghas-smigh xieraq;

3. Tillikwida kumpens ghall-hlas t'imghax legali li r-rikorrenti gew kostretti jhallsu minhabba l-lezjoni tad-dritt ghas-smigh xieraq;

4. Tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat ihallas is-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li minn issa huwa ngunt in subizzjoni.'.

Rat ir-risposta ta' l-Avukat tal-Istat li taqra kif isegwi:

1. 'Illi huwa pacifiku kif konstatat anke mill-gurisprudenza lokali kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li l-fatturi li principalment ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni sabiex jigi determinat jekk is-smiegh ta' process eccediex il-parametri tas-smiegh fi zmien ragjonevoli huma l-komplessita' tal-kaz, l-agir tal-partijiet fil-kawza u l-agir ta' l-awtorita' jew awtoritajiet relevanti – f'dan il-kaz l-agir ta' awtorita' gudizzjarja. Ghalhekk, skond il-gurisprudenza assodata kemm nostrali kif ukoll dik Ewropeja, sabiex Qorti tasal ghal konkluzjoni dwar jekk kienx hemm ksur tad-dritt ta' smiegh xieraq fi zmien ragonevoli, il-procedura gudizzjarja mertu tal-allegazzjonijiet trid tkun ezaminata fl-assjem taghha u ma jistax ikun ezaminat biss element jew parti wahda minn din il-procedura.

2. Ma jidhirx li kien hemm xi nuqqas mill-esponent peress li hu ma kien involut bl-ebda mod fil-kawza in dizamina u ghalhekk jirrizulta b`mod car li l-esponent irid iwiegeb ghal-mod kif mexxew il-kawza il-Qrati taghna izda iktar minn hekk kif kien l-agir tal-partijiet kollha involuti.

3. Illi hu accettat illi ma hemm l-ebda 'time limit' li Qorti trid bilfors tosserva fil-kors tal-proceduri quddiemha ghax altrimenti l-interessi tal-gudizzja jigu pregudikati minhabba ghaggla zejda u inkonsulta.

4. Illi sabiex dina l-Onorabbli Qorti tkun tista' tikkonsidra b'mod serju t-talba tar-rikorrenti jrid jigi ppruvat illi mhux biss il-kaz dam pendenti izda li tali dewmien huwa wiehed kapriccuz u ntiz biex jizvantaggahom fit-tgawdija tad-drittijiet taghhom skond il-Ligi.

5. Illi finalment sabiex jiġi determinat jekk kienx hemm dewmien irraġjonevoli, kull każ irid jiġi studjat fuq il-mertu tiegħu u fil-kumplessivita' tieghu u fil-kaz odjern l-esponent jeccepixxi li mill-assjem tal-proceduri in dezamina ghalkemm il-kaz ha numru ta' snin ma kienx hemm dewmien irragjonevoli.

6. Illi jirrizulta car li l-kawza in kwistjoni hadet certu zmien biex giet deciza minhabba l-komportament tal-partijiet Sharon Mercieca, Michael Sammut u Emanuela Sammut ghaliex il-kawza damet ghal-ghexieren ta` snin fl-istadju ta` provi taghhom. Mhuwiex gust li l-ewwel l-partijiet ikaxkaru saqajhom sabiex igiebu l-provi u jaghlqu l-kaz taghhom imbaghad wara tinfetah kawza kostituzzjonali kontra l-Istat minhabba allegat dewmien. L-Istat m`ghandux jirrispondi ghad-dewmien ikkawzat mill-partijiet civili f`dan il-kaz.

7. Illi l-allegazzjonijiet li jaghmel ir-rikorrent huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt.

8. Illi minghajr ebda pregudizzju ghall-premess u ghall-gieh tal-argument biss, jekk din l-Onorabbli Qorti ssib li verament kien xi dewmien irragjonevoli u allura tqis li ghandha taghti xi forma ta` rimedju lir-rikorrenti, dan ir-rimedju ghandu jkun biss ta` kumpens bhala danni morali u mhux ta` danni materjali.

9. Illi ghalhekk m`hemm l-ebda vjolazzjoni tad-dritt ghal-smigh xieraq.

10. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

11. Bl-ispejjez.'.

Rat l-affidavits, processi allegati, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fil-verbal tad-29 ta' Lulju, 2021 fuq talba ta' Dr Ryan Ellul ghar-rikorrenti talab li jigu annessi l-atti tac-citazzjoni numru 1454/2000 inkluz il-process tal-appell, rat li Dr Maurizio Cordina ghall-intimat irrimetta ruhhu u rat li l-Qorti kif preseduta laqghet it-talba;

Rat illi fil-verbal datat 30 ta' Settembru, 2021 ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat;**

Il-kawza odjerna titratta lment dwar allegat ksur tad-dritt fundamentali tar-rikorrenti Michael u Emanuela konjugi Sammut ghal smiegh xieraq u fi zmien ragjonevoli ta' kawza fl-ismijiet Sharon Mercieca -vs- Michael Sammut et, Cit nru: 1454/2000 li damet dsatax (19) il-sena, seba' (7) xhur u erbgha u erbghin (44) gurnata sabiex tghaddi in gudikat.

Il-Qorti ghalhekk ser tghaddi sabiex tezamina jekk effettivament kienx hemm dan l-allegat dewmien eccessiv sabiex tigi deciza l-kawza msemmija.

**<u>Dewmien eccessiv:</u>**

<u>Allegat ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja:</u>

Ir-rikorrenti Michael u Emanuela konjugi Sammut jilmentaw minn ksur tad-dritt ta' smigh xieraq u fi zmien ragjonevoli stante l-fatt li l-kawza bic-Cit nru 1454/2000 damet dsatax-il (19) sena, seba' (7) xhur u erbgha u erbghin (44) gurnata sabiex ghaddiet in gudikat mill-istadju inizjali quddiem il-Prim' Awla, sal-istadju tad-decizjoni finali fil-Qorti ta' l-Appell. Huma jilmentaw li minhabba dan id-dewmien allegatament sofrew danni stante li gew imgieghla jhallsu interessi zejda u bla bzonn li kienu jammontaw l' fuq minn sebat elef ewro (€7,000). Isostnu li dan kollu kien jammonta fi vjolazzjoni tas-sub-artikolu 2 tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Min-naha tal-Avukat tal-Istat jilqa' ghal dan billi jargumenta li sabiex jigi determinat jekk is-smigh ta' process sarx fil-parametri ta' smiegh fi zmien ragjonevoli jridu jittiehdu in konsiderazzjoni (i) l-komplessita' tal-kaz, (ii) l-agir tal-partijiet fil-kawza, u, (iii) l-agir ta' l-awtorita' relevanti, fil-kaz odjern l-awtorita' gudizzjarja. Isostni li ma jidhirx li hemm xi nuqqas mill-esponenti peress li hu ma kienx involut fil-kawza b'dan li huwa ovvju li huwa jrid iwiegeb ghal mod kif mexxew il-kawza l-Qrati u iktar minn hekk kif kien l-agir tal-partijiet kollha nvoluti. Jargumenta li huwa accettat li ma hemm l-ebda 'time limit' li l-Qorti trid bilfors tosserva fil-kors tal-proceduri ghaliex inkella l-interess tal-gustizzja jigi pregudikat minhabba ghaggla zejda u inkonsulta. Jeccepixxi li r-rikorrenti jridu jippruvaw mhux biss li l-kaz dam pero' wkoll li tali dewmien kien wiehed kapriccuz u ntiz biex jizvantagghom fit-tgawdija tad-drittijiet taghhom skont il-Ligi. Imbaghad jeccepixxi li kull kaz irid jigi studjat fuq il-mertu tieghu u fil-kumplessivita' tieghu sabiex jigi determinat jekk kienx hemm dewmien irragjonevoli. Isostni li jidher li l-kawza hadet certu zmien minhabba l-komportament tal-partijiet Sharon Mercieca, Michael Sammut u Emanuela Sammut ghaliex il-kawza damet ghal ghexieren ta' snin fl-istadju ta' provi taghhom u ghalhekk m'huwiex gust li l-ewwel il-partijiet ikaxkru saqajhom imbaghad jintavolaw kawzi kostituzzjonali kontra l-Istat minhabba dewmien. Ghalhekk isostnu li l-allegazzjonijiet rikorrenti huma nfondati kemm fil-fatt u fid-dritt. Finalment l-Avukat tal-Istat eccepixxa li jekk ghall-gieh tal-argument l-Qorti ssib dewmien irragjonevoli u ghalhekk ghandha taghti xi forma ta' rimedju, dan ghandu jkun biss ta' kumpens bhala danni morali u mhux ta' danni materjali.

Illi ghall-iskop tal-kaz odjern, l-parti l-aktar ta' rilevanza mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta huwa s-sub-artikolu (2) illi jipprovdi kif isegwi:

> '(2) Kull qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli.'

Mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem l-aktar parti rilevanti hija kif isegwi:

> '1. Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u ta' l-obbligi tieghu jew ta` xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jistgħu jiġu esklużi mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurta` nazzjonali f'socjeta` demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċita` tista' tippregudika l-interessi tal-ġustizzja.'.

Bazikament il-mertu tal-kawza bic-citazzjoni numru 1454/2000 kien jirrigwarda talba da parti ta' Sharon Mercieca ghar-ritorn lura tal-oggetti li hija kienet hallset rapprezentanti oggetti ta' helu, xorb, gelati u oggetti ohra li kellhom x'jaqsmu ma' 'confectionary'

li hija kienet fil-perijodu ta' prova biex tikri. Fin-nuqqas li jigu ritornati l-oggetti, talbet li jigu mhallsa s-somma ta' Lm2,640 Liri Maltin. Mad-daqqa t'ghajn jirrizulta car li l-mertu ma kienx xi wiehed ikkumplikat u dan anke fid-dawl tal-eccezzjoni u l-kontro-talba li kienet giet intavolata mill-intimati konjugi Sammut.

Il-kawza giet intavolata nhar it-13 ta' Lulju, 2000 u l-primo appuntamento kien iffissat ghall-24 ta' Ottubru, 2000 fejn il-kawza giet differita ghal gbir tal-provi (ara verbal a fol. 19 tal-process bic-cit nru: 1454/2000). Il-kawza damet mis-seduta tat-8 ta' Jannar, 2001 sas-seduta tas-17 ta' Gunju, 2004 u cioe' ghal perjodu ta' l' fuq minn tlett (3) snin ghall-gbir tal-provi tal-attrici Sharon Mercieca. Il-Qorti tinnota li kien hemm ammont konsiderevoli ta' seduti li fihom prattikament ma sar xejn.

Il-konvenuti konjugi Sammut bdew l-istadju tal-provi taghhom mis-seduta tal-14 ta' Ottubru, 2004 u ghalqu l-provi taghhom fis-seduta tas-26 ta' April, 2005 (ara verbali a fol. 51 u fol. 53 tal-process bic-cit nru: 1454/2000). Il-Qorti tinnota ghalhekk li huwa minnu li l-konvenuti hadu biss ftit izjed minn sitt (6) xhur sabiex ressqu l-provi taghhom. Fl-imsemmija seduta tas-26 ta' April, 2005 il-kawza thalliet ghall-kontro-ezamijiet tal-konvenuti u x-xhud taghhom.

Fit-22 ta' Mejju, 2006 il-kawza giet differita b'ordni tal-Qorti (ara verbal a fol. 80 tal-process bic-cit nru: 1454/2000) u fis-seduta tat-2 ta' Novembru, 2006 giet ukoll differita fuq ordni tal-Qorti din id-darba sabiex il-kawza tibda tinstema' minn Qorti diversament preseduta (ara verbal a fol. 81 tal-process bic-cit nru: 1454/2000). Sussegwentement is-seduta tas-7 ta' Novembru, 2007 regghet giet mill-gdid differita fuq ordni tal-Qorti (ara verbal a fol. 93 tal-

process bic-cit nru: 1454/2000). Fil-frattemp ma kien ghadu sar xejn mill-kontro-ezamijiet.

Segwa li fuq talba ta' Lawrence u Grace konjugi Mercieca – omm u missier ir-rikorrenti Sharon Mercieca l-Qorti hatret l-Assistent Gudizzjarju Dr Mandy Carabott sabiex tiehu l-kontro-ezami taghhom fir-residenza taghhom (ara rikors a fol. 97 tal-process bic-cit nru: 1454/2000). Sussegwentement fis-seduta tas-7 ta' Mejju, 2008 Dr Francesco Depasquale kien irrinunzja ghall-kontro-ezami tax-xhud Lawrence Mercieca (ara verbal a fol. 110 tal-process bic-cit nru: 1454/2000). Dr Francesco Depasquale li fl-imsemmija seduta kien l-avukat tal-intimati llum rikorrenti, fis-seduta tas-16 ta' Gunju, 2008 kien informa li ried jaghmel il-kontro-ezamijiet ta' xi partijiet filwaqt li Dr Mark Busuttil – l-avukat tar-rikorrenti Sharon Mercieca kien informa wkoll li jrid jaghmel il-kontro-ezamijiet. Fis-seduta quddiem l-assistant gudizzjarju tas-16 ta' Marzu, 2008 ir-rikorrenti Sharon Mercieca kienet ipprotestat ruhha ghall-ispejjez tas-seduta stante li l-intimati Sammut u l-avukat taghhom ma kienux dehru ghas-seduta (ara verbal a fol. 158 tal-process bic-cit nru: 1454/2000). Fis-seduta tal-20 ta' Ottubru, 2010 quddiem l-Assistant Gudizzjarju Dr Mark Busuttil ghar-rikorrenti Mercieca kien rega' pprotesta ruhu ghall-ispejjez ghar-raguni li s-seduti ma kienux qeghdin isiru b'xi skuza jew ohra min-naha tal-intimati konjugi Sammut (ara verbal a fol. 201 tal-process bic-cit nru: 1454/2000). Permezz ta' avviz datat 8 ta' Awwissu, 2011 il-kawza kienet giet rikjamata quddiem Qorti diversament preseduta. Fil-frattemp kienu saru l-kontro-ezamijiet ghalkemm bhal ma gja gie ssenjalat kien hemm numru konsiderevoli ta' differimenti li fihom prattikament ma sar xejn. Bazikament jista' jinghad li sabiex saru l-kontro-ezamijiet ittiehed bhala zmien mis-26 ta' April, 2005 sal-15 ta' Mejju, 2013 meta l-partijiet ghalqu l-istadju tal-provi u ghalhekk ittiehed cirka tmien (8) snin zmien!

Illi fil-verbal tal-15 ta' Mejju, 2013 il-kawza thalliet ghat-trattazzjoni kemm oralment, kif ukoll bl-iskritt. Fis-seduta sussegwenti tas-16 ta' Ottubru, 2013 il-kawza regghet giet differita ghat-trattazzjoni finali u fis-seduta ta' wara tal-5 ta' Dicembru, 2013 regghet giet differita ghall-ahhar darba ghat-trattazzjoni finali (ara verbal a fol. 228 u a fol. 230 tal-process bic-cit nru: 1454/2000). Wara rikors tal-konjugi Sammut is-seduta tal-20 ta' Frar, 2014 regghet giet differita mill-gdid ghat-trattazzjoni orali (ara verbal a fol. 232 tal-process bic-cit nru: 1454/2000). Kien biss fis-seduta tal-10 ta' Gunju, 2014 li saret it-trattazzjoni u l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-26 ta' Gunju, 2014 (ara verbal a fol. 233 tal-process bic-cit nru: 1454/2000). Effettivament id-decizjoni inghatat fid-data msemmija.

Illi meta nigu ghall-istadju tal-Appell tal-kawza bic-cit nru: 1454/2000, il-Qorti tinnota li dan kien gie ntavolat mill-intimati llum rikorrenti konjugi Sammut, nhar il-15 ta' Dicembru, 2014. L-appell kien gie appuntat ghal nhar l-4 ta' Novembru, 2019. Il-Qorti tinnota li hawn hekk ukoll kien intalab differiment da parti tal-intimati konjugi Sammut permezz ta' rikors a fol. 267 tal-process tal-appell, bil-konsegwenza li l-appell kien gie ddifferit ghat-trattazzjoni mill-4 ta' Novembru, 2019 ghat-3 ta' Frar, 2020 (ara verbali a fol. 268 u fol. 269 tal-process tal-appell). Is-sentenza nghatat fis-27 ta' Marzu, 2020 (ara verbal a fol. 269 tal-process fl-appell). It-tul taz-zmien bejn il-prezentata tal-appell u l-appuntament ghas-smigh tal-appell kien ta' 'l fuq minn erba' (4) snin.

Illi fil-paragrafi precedenti, l-Qorti tat riassunt tal-kronologija tal-seduti. Waqt ezami tal-process, il-Qorti setghet tinnota li kien hemm ammont konsiderevoli ta' seduti li gew differiti inutilment

liema differimenti saru miz-zewg partijiet pero' maggorment mill-intimati qua rikorrenti konjugi Sammut. Imbaghad tinnota li kien hemm ftit okkazzjonijiet li s-seduti kienu gew differiti fuq ordni tal-Qorti ghalkemm dawn l-okkazzjonijiet tghoddhom fuq id wahda. Ghalhekk zgur li ma jistax jigi attribwit li dan id-dewmien kien ikkagunat mill-Qorti.

Illi dwar iz-zmien ragonevoli l-awturi **Harris, O'Boyle and Warbrick** fil-ktieb **Law of the European Convention on Human Rights** (raba' edizzjoni (2018)) jispjegaw illi:

> 'The purpose of the 'reasonable time' guarantee, which applies to both criminal and non-criminal cases, is to protect 'all parties to court proceedings...against excessive procedural delays' [Stogmuller v Austria A 9 (1969) p 40, 191. On the guarantee, see Henzelin and Rordorf, 5 NJ ECL 78 (2014)] and 'underlines the importance of rendering justice without delays which might jeopardize its effectiveness and credibility' [H v France A 162-A)1989); 12 EHRR 74 para 58].[1]
> The reasonableness of the length of proceedings in both criminal and non-criminal cases depends on the particular circumstances of the case [Konig v Germany A 27 (1978); 2 EHRR 170 PC and Pedersen and Baadsgaard v Denmark 2004-XI; 42 EHRR 486 GC]. There is no absolute time limit. Factors that are always considered are the complexity of the case, the conduct of the applicant, and the conduct of the competent administrative and judicial authorities [Konig v Germany; ibid]. The Court also takes into account what is 'at stake' for the applicant [Frydlender v France 2000-VII; 31 EHRR 1152 GC, what is 'at stake' is sometimes treated as a

[1] Pagna 440 tal-ktieb.

separate fourth factor: see, eg. Surmeli v Germany 2006-VII; 44 EHRR 438 GC].[2]'.

Illi dan l-insenjament gie wkoll adottat mill-Qrati taghna fosthom fid-decizjoni fl-ismijiet **David Marinelli -vs- Avukat Generali et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) nhar it-3 ta' Lulju, 2008 fejn inghad illi:

> 'B`mod generali, biex jigi determinat jekk is-smiegh f`xi proceduri quddiem il-Qorti sarx fi zmien ragjonevoli kif miktub mill-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u mill-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja, wiehed irid iqis ic-cirkostanzi kollha partikolari f`dawk il-proceduri, u b`mod partikolari:
> 1. in-natura u / jew komplessita` tal-kaz in kwistjoni.
> 2. il-kondotta tal-partijiet fil-kawza, u
> 3. il-mod kif dawk il-proceduri gew trattati u kondotti mill-awtorita` gudizzjarja stess.'

Illi l-Qorti ser titratta dawn it-tlett (3) punti elenkati fid-decizjoni appena kwotata kif isegwi:

i. Dwar in-natura u l-komplessita' tal-kaz, effettivament irrizulta li l-kaz ma kienx xi wiehed ta' natura kumplessa pero' kien jirrigwarda r-ritorn ta' oggetti u fin-nuqqas ir-rimbors ta' flus ekwivalenti ghall-valur tal-oggetti.

ii. Dwar il-kondotta tal-partijiet fil-kawza jirrizulta li kien hemm numru ta' seduti li gew differiti inutilment u dan da parte taz-zewg partijiet fil-kawza. Infatti biex saru l-kontro-ezamijiet necessarji ghaddew numru konsiderevoli ta' snin li tulhom saru

[2] Pagni 440 – 441 tal-ktieb.

differimenti ta' seduti ghal ebda raguni valida miz-zewg partijiet.

iii. Dwar il-mod kif il-proceduri gew trattati u kondotti mill-awtorita' gudizzjarja. Il-Qorti tinnota li fil-procediment 1454/2000 il-Qorti naqset milli tiehu kontroll shih tal-procediment u dan billi ppermettiet lill-partijiet fuq numru ta' okkazzjonijiet li jiddifferixxu s-seduti ghal ebda raguni. Mhux biss, il-Qorti tinnota wkoll li l-procediment ghadda f'idejn erba' (4) gudikanti, b'dan li l-bdil ikkontribwixxa wkoll li jintilef l-kontroll fuq il-procediment. Dan mhux b'nuqqas da parte ta' xi gudikant jew iehor, pero' rizultat li l-process ikun ghadda ghand gudikant gdid li jrid jiehu konjizzjoni mill-gdid tal-process.

Illi fl-istadju tal-appell jirrizulta li ghal perijodu ta' aktar minn erba' (4) snin minn meta gie ntavolat l-appell kull ma kien qieghed jigri huwa dan kien qed jistenna fil-kju sabiex jigi appuntat. Il-Qorti ma tarax li f'dan ir-rigward kien hemm xi nuqqas li jista' b'xi mod jigi addebitat lil xi parti jew ohra. Anzi l-Qorti temmen li l-perijodu ta' 'l fuq minn erba' (4) snin sabiex jigi appuntat l-appell huwa perjodu esagaratament twil kkunsidrat li kien hemm zminijiet meta l-appelli kienu jiehdu ferm anqas zmien biex jigu appuntati. Il-Qorti bhal ma gja kellha okkazjoni tirrimarka f'kawza precedenti, temmen li dan id-dewmien ma kienx rizultat ta' inefficjenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell, pero' huwa rizultat ta' bosta nuqqasijiet fis-sistema gudizzjarja kif stabilita' mill-Istat, nkluz numru limitat ta' gudikanti li mhumiex bizzejjed biex ilahhqu max-xoghol kollu li jidhol fil-Qrati, nkluz fil-Qorti tal-Appell, kif ukoll nuqqas mhux zghir ta' haddiema kwalifikati fil-Qrati li jghinu sabiex il-proceduri jkunu jistghu jimxu b'aktar speditezza nkluzi 'clerks', deputati u anki 'avukati tal-Qorti'. Tant kienu evidenti dawn in-nuqqasijiet li malli giet krejata t-tielet sezzjoni tal-Qrati tal-Appell, iz-zmien li wiehed jistenna sabiex

appell jigi appuntat naqas ghalkemm xorta ghadu wiehed mhux qasir. Ghal dawn in-nuqqasijiet fis-sistema din il-Qorti temmen li jista' biss jahti l-Istat u hadd aktar.

Illi in vista ta' dak kollu suespost din il-Qorti tqis li l-ilment tar-rikorrenti dwar id-dewmien huwa gustifikat in parte u ghalhekk ser tghaddi sabiex tiddikjara ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

**Ikkunsidrat ulterjorment;**

Illi r-rikorrenti Michael u Emanuela konjugi Sammut jippretendu l-hlas kemm ta' danni pekunjarji kif ukoll non-pekunjarji u wkoll kumpens ghall-hlas t'imghax legali li r-rikorrenti jsostnu li kienu kostretti jhallsu minhabba l-lezjoni tad-dritt ghas-smigh xieraq.

Illi dwar dan l-Avukat tal-Istat fit-tmien eccezzjoni tieghu jeccepixxi li jekk il-Qorti ssib li verament kien hemm dewmien irragjonevoli u allura ghandha taghti xi forma ta' rimedju lir-rikorrenti, dan ir-rimedju ghandu jkun biss kumpens bhala danni morali u mhux danni materjali.

Illi dwar in-natura tal-kumpens dovuta f'kawza kostituzzjonali fid-decizjoni fl-ismijiet **Joseph John Gatt -vs- Ir-Registratur tal-Qrati** datata 29 ta' Lulju, 2010 inghad kif isegwi:

> 'Illi dwar il-kwestjoni tal-kumpens li jitħallas f'każ ta' sejbien ta' ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jew tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, jibda biex jingħad li l-għoti ta' kumpens huwa fakultativ[3], għaliex dikjarazzjoni li seħħ ksur tal-jedd ta'

[3] K. Reid <u>A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights</u> (3rd Edit, 2007) § III- 001, paġ. 603 – 4

smigħ xieraq waħedha tista' sservi sakemm rimedju bħal dak jista' jitqies bħala wieħed effettiv u effikaċi li jiżgura lill-parti mġarrba r-*restitutio in integrum* tal-jeddijiet tagħha[4]. Min-naħa l-oħra, jekk kemm-il darba l-Qorti tqis li jkun xieraq li tagħti lill-persuna mġarrba xi sura ta' kumpens dan m'għandux ikun eżerċizzju ta' komputazzjoni ta' danni bħalma jsir, per eżempju, fi proċess ċivili normali. Ingħad mill-Qrati tagħna li "*kawża kostituzzjonali għal dikjarazzjoni ta' leżjoni ta' dritt fondamentali m'għandhiex tiġi konvertita f'kawża għal danni akwiljani. Meta jiġi riskontrat dewmien skond l-artikolu 6, ir-rimedju għandu jkun, bħala regola, kumpens konsistenti f'danni morali li jkunu jirrispekkjaw id-dewmien inġustifikat, u dan indipendentement min-natura tal-kawża jew il-valur tal-proprjeta' in kontestazzjoni, u bla preġudizzju għad-danni materjali ossija reali li dak id- dewmien seta' effettivament ikkawża*"[5];'.

Illi l-Qorti taqbel mal-eccezzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat li dannu ghandu jkun dak morali u mhux danni materjali u dan fid-dawl tal-insenjament appena kkwotat. Din il-Qorti tqis li fil-kaz odjern parti mid-dewmien kemm quddiem il-Prim' Awla, kif ukoll quddiem il-Qorti ta' l-Appell, huwa attribwibbli lir-rikorrenti konjugi Sammut infushom meta ghal numru ta' okkazjonijiet iddifferew il-kawza inutilment. Madanakollu l-Qorti tqis li da parti tal-istess Qrati kien hemm nuqqasijiet stante li tilfu l-kontroll fuq il-procediment billi hallew li l-kawza tibqa' tigi differita inutilment ghal numru ta' snin. In oltre kien hemm dewmien esagerat sabiex jigi appuntat l-Appell u ghalhekk il-Qorti tqis li fid-dawl ta' dak kollu suespost kumpens ta' tlett elef ewro (€3,000) liema ammont ghandu jkopri komplessivament kemm id-danni pekunjarji kif ukoll dawk mhux pekunjarji huwa

[4] Kost. **11.8.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***John Buġeja vs L-Avukat Generali et***

[5] Kost. **3.2.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Gasan Enterprises Limited vs Awtorita' ta' Malta dwar l- Ambjent u l-Ippjanar***

wiehed gust u ekwu fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz odjern. Dan ukoll in vista tal-valur mhux kbir tal-kawza originali.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi dan l-ilment kostituzzjonali kif isegwi:

1. Tilqa' in parte it-tmien eccezzjoni tal-intimat;

2. Tichad il-kumplament tal-eccezzjonijiet tal-intimat Avukat tal-Istat sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz;

2. Tilqa' l-ewwel talba in parte, stante li parti mid-dewmien jirrizulta li kien imputabbli lill-istess rikorrenti, u tiddikjara u tiddeciedi li d-drittijiet tar-rikorrenti ghal smigh xieraq u fi zmien ragonevoli, hekk kif protett mill-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, gew vjolati bid-dewmien tal-kawza civili fil-konfront taghhom li damet dsatax-il (19) sena, seba' (7) xhur u erbgha u erbghin (44) gurnata sabiex tghaddi in gudikat;

3. Tilqa' t-tieni talba u tillikwida ammont ta' danni pekunjarji u non-pekunjarji sofferti mir-rikorrenti kawza tal-lezjoni tad-dritt ghas-smigh xieraq fl-ammont ta' tlett elef ewro (€3,000);

4. Tichad it-tielet talba.

5. Tilqa' r-raba' talba u tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat ihallas is-somma ta' tlett elef ewro (€3,000) likwidati.

Bl-ispejjez interament a karigu tal-intimat.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**27 ta' Jannar, 2022**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**27 ta' Jannar, 2022**